# I. Epigrammi Umoristiċi (iv)

## 61. IĊ-ĊUQLAJTA

Imn'Alla tliet ijiem dam Kristu mejjet
qabel ma rxoxta; l-aħwa din mhux ċajta!
li kieku dam tliet xhur min jissaporti
tal-knisja fuq il-bejt dik iċ-ċuqlajta?

## 62. MHUX BAQQUNIER

Widnejh mimlija trab, u trab ġo mnieħru,
u trab f'għajnejh, u trab fuq rasu kbira;
ħabib, mhux baqqunier, imma din statwa
ta' Shakespeare kbir, jekk jogħġbok 'tih tfarfira.

## 63. IL-MANNÀS TAL-ILJUNI

L-iljun immansa; ġewwa l-gaġġa ħdejhom
hu jgħid lin-nies araw kemm iħobbuni;
'mma xħin imur id-dar martu feroċi
tibda tigirfu hi minflok l-iljuni.

## 64. ILSIENI

Ilsieni naqra naqra kellu l-ħila
jeħles minn snieni biex jgħid kemm irid;
u ta' kull tant daqs kemm jeħodli rasi
iġagħalni ninsa npoġġi x-xedaq ġdid.

## 65. META NGĦADDI DRITT

Kull tant jien ngħaddi dritt bla ma nitkellem,
u jaħsbu li bdejt nara n-nies dubbien;
mur għidilhom li nsejt nilbes ix-xedaq,
u li ma xtaqtx nurihom ħalq bla snien!

## 66. IS-SUR TORTELL

Kemm għandu bżonn ibiddel ir-ras li għandu
battala, qargħa, u iebsa s-Sur Tortell!
iżda flok ibiddilha ta' kull sena
is-Sur Tortell ibiddel il-kappell!

## 67. ĦUTA KBIRA

"Messitni ħuta kbira!" ix-xwejjaħ għajjat;
sħabu s-sajjieda ġew jagħtuh l-għajnuna;
lestew il-kopp, u ħarsu lejn il-baħar;
tiela', qorbot, tfaċċat – feġġet żarbuna!

## 68. IR-REKORD TAL-ĠIRI

Rekord sabiħ tal-ġiri għamel Pawlu
fil-jum li sab lil żewġ ħabibtu d-dar;
niżel ħames sulari f'ġirja waħda
b'rekord sabiħ: sekonda kull sular!

## 69. IS-SEĦER

Għajnejha ma' sbuħitha bdew is-seħer,
imbagħad l-eau-de-Cologne flimkien mal-għabra
tat-terra u l-ħarir ta' lbiesha jħaxwex
għamlu seħer perfett – Abrakadabra!

## 70. GREZZJOLLA

Meta Grezzjolla tasal quddiem Alla,
tagħtih lil moħħha lura bla minsus,
u tgħidlu: "Sinjur, ħa, jien qatt ma wżajtu,
erfajtu għalik sewwa fil-karus!"

## 71. FUQ WAĦDA KERHA TAL-MUŻEW

Għalfejn għattejt saqajk b'kalzetti suwed?
Għalfejn għattejt spallejk b'dik il-għonnella?
Għalfejn sidrek għattejt sa fuq, sa għonqok?
Min qatt xtaq li jarahom, Gabriella?

## 72. PAĊIFKU

Meta Paċifku tar għad-dinja l-oħra,
hu tela' b'rasu 'l isfel, saqajn 'il fuq;
għax b'rasu kien qed jara x'sejrin jagħmlu
il-werrieta bil-flus ta' ġos-senduq.

## 73. RAJMONDU (minn ħrafa t'Esopu)

Rajmondu qed ma' tnejn, waħda għadha żgħira,
l-oħra hekk u hekk, u mdaħħla ftit fiż-żmien,
iż-żgħira taqla' x-xagħar li għandu abjad,
il-kbira taqla' x-xagħar l'għandu sewdien.

## 74. IL-LIFT TA' SAN PIETRU

Kif ra l-karti ta' Ġanni x-xħiħ, San Pietru
urih il-lift u qallu jidħol ġewwa;
u wara li l-lift telaq, Ġanni ttenda
li sejjer mhux 'il fuq 'mma 'l isfel sewwa.

## 75. SUSINA U X-XADINA

"Imgħarrqa kemm hi kerha daqs xadina!"
igħidu n-nies xħin tgħaddi dik Susina;
Susina mhux li kont xadina vera!
għax jgħidu lkoll: "xi ħlewwa ta' xadina!"

## 76. ŻEWĠ MALTIN SERJI

Żewġ Maltin serji tal-affari tagħhom,
li jgħaddu dritti dritti daqs l-għesieleġ,
fis-sajf iltaqgħu Ruma, wieħed minnhom
dieħel ġewwa burdell u l-ieħor ħiereġ.

## 77. IMĦABBA ĦAĠA ŻGĦIRA! *

Imħabba frotta Adam tkeċċa minn Eden,
u għadd bla għadd ta' nies marru l-infern;
imħabba mara, Trojja saret ħerba,
u mħabba kok waqa' ta' Malta l-Gvern.

** Allużjoni għal meta l-Gvern ta' Koalizzjoni immexxi minn Dr Boffa waqa' għaliex kandidat parlamentari rtira l-appoġġ tiegħu għaliex ma mpjegawlux wieħed bħala kok.*

## 78. IL-MARA TAS-SURMAST

"X'inhija l-itwal ħaġa l'hawn fid-dinja?"
staqsa s-surmast lit-tfal: min semma l-friegħi
tat-telefon fil-qiegħ; semmew elf ħaġa;
qal is-surmast: "ilsien il-mara tiegħi!"

## 79. IL-FAREWNI

Ħames għannejja li kantaw bla vuċi
b'kastig saru farewni ġewwa Kreta;
nirrah jiġrilu hekk fil-Gżira tagħna
kull min igħanni bla ma jkun poeta.

## 80. ŻEWĠ ARBLI

Fi tlugħ l-arblu tal-gvern u dik tal-ġostra
hemm differenza daqs il-ġir u l-faħam;
biex tieħu l-ġostra d-dlik trid tneħħih kollu
iżda fl-arblu tal-gvern m'hemmx tlugħ bla xaħam.